A.L. 426 ta' l-2002

ATT TA' L-2002 DWAR L-IMPIEGI U R-RELAZZJONIJIET INDUSTRIJALI (ATT NRU XXII TA' L-2002)

Regolamenti ta' l-2002 dwar Dritt ta' *Leave* tal-ġenituri

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija b'artikolu 10 ta' l-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, il-Viċi Prim Ministru u Ministru għall-Politika Soċjali għamel ir-regolamenti li ġejjin:–

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2002 dwar Dritt ta' *Leave* tal-ġenituri. Titolu.

(2) Dawn ir-regolamenti jispeċifikaw ħtiġiet minimi maħsubin biex jiffaċilitaw ir-rikonċiljazzjoni tar-responsabbiltajiet ta' ġenituri u dawk professjonali għal ġenituri li jaħdmu.

2. (1) F'dawn ir-regolamenti - Tifsira.

"Att" tfisser l-Att ta' l-2002 dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali;

"*pro rata*" għandha l-istess tifsira mogħtija skond artikolu 2 ta' l-Att:

B'dan iżda li:

(a) meta l-impjegat hu f'tali impieg *part-time* bi skeda ta' ħinijiet varjabbli, in-numru ta' sigħat ta' xogħol kull ġimgħa għandu jkun in-numru medju ta' sigħat fil-ġimgħa mifruxin fuq perjodi suċċessivi ta' tlettax-il ġimgħa li jibdew fl-ewwel ta' Jannar ta' kull sena kalendarja; u

(b) meta l-impjegat ma jkunx f'impieg *part-time* għal perjodu ta' tlettax-il ġimgħa, in-numru medju ta' sigħat ta' xogħol fil-ġimgħa għandu jkun ikkalkulat fuq in-numru ta' ġimgħat li fihom kien jaħdem.

(2) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subregolament (1) ta' dan ir-regolament, termini u espressjonijiet użati f'dawn ir-regolamenti għandu jkollhom, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra, it-tifsira assenjata lilhom fl-Att.

Applikabilità.

3. (1) Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw għall-impjegati li huma jew-

(a) impjegati *whole-time* kif definit fl-Att; jew

(b) impjegati *part-time* intitolati għall-*leave pro rata* skond il-provedimenti ta' regolament 6 tar-Regolamenti ta' l-2002 dwar Impjegati Part-time u li, f'kull każ, ilhom jaħdmu ma' l-istess prinċipal għal perjodu kumulattiv ta' mill-inqas tnax-il xahar tul perjodu aggregat ta' tmintax-il xahar:

Iżda fil-każ ta' impjegati *part-time* li jikkwalifikaw skond dan ir-regolament, id-dritt għandu jkun *pro rata*.

(2) Fil-każ ta' impjegati b'kuntratt b'terminu ta' żmien fiss, dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw sakemm l-impieg b'terminu ta' żmien fiss hu għal perjodu ta' mill-inqas tnax-il xahar:

Iżda l-impjegat ikun ilu jaħdem mill-inqas sitt xhur bla interruzzjoni.

(3) Il-perjodi minimi li jintitolaw għad-dritt imsemmi fil-paragrafi preċedenti ta' dan ir-regolament għandhom ikunu applikabbli sakemm perjodu iqsar ta' dritt ma jkunx ġie stabbilit fil-kuntratt ta' servizz ta' l-impjegat jew fi ftehim kollettiv applikabbli għall-impjegat.

(4) Dawn ir-regolamenti għandhom ikunu applikabbli bla preġudizzju għall-introduzzjoni u implimentazzjoni ta' dispożizzjonijiet aktar favorevoli fi ftehim kollettivi jew ftehim oħrajn miftiehma bejn il-prinċipal u l-impjegat.

LEAVE TAL-ĠENITURI

Leave tal-ġenituri.

4. (1) Għandu jkun id-dritt individwali ta' ħaddiema rġiel jew nisa li jingħataw bla ħlas *leave* tal-ġenituri għal raġunijiet ta' twelid, adozzjoni jew kustodja legali ta' tifel jew tifla biex ikunu jistgħu jieħdu ħsieb dak it-tifel jew tifla għal perjodu sa tliet xhur sakemm it-tifel jew tifla jkunu waslu sa l-età ta' tmien snin:

Iżda dan id-dritt jingħata fuq il-bażi li ma jkunx trasferibbli.

(2) Sakemm ma jkunx preskritt mod ieħor fi ftehim kollettiv applikabbli għall-impjegat, il-prinċipal flimkien ma' l-impjegat jista' jiddeċiedi li jagħti l-*leave* tal-ġenituri fuq bażi *full time* jew *part-time*, b'mod biċċa biċċa jew f'forma ta' sistema ta' kreditu ta' ħin.

(3) Fil-każ li l-*leave* tal-ġenituri ma jkunx ittieħed jew ikun għad hemm bilanċ ta' *leave* tal-ġenituri, impjegat għandu jibqa' intitolat għal tali *leave* anki jekk ikun hemm bidla tal-prinċipal jew fl-impieg ta' l-impjegat, sakemm l-impjegat jikkwalifika skond ir-regolament 3 ta' dawn ir-regolamenti:

Iżda li l-prinċipal għandu, safejn hu possibbli, jagħti lill-impjegat, meta ssir talba tali għal *leave* tal-ġenituri, kopja ta' dikjarazzjoni bil-miktub kif hemm riferit fir-regolament 11 ta' dawn ir-regolamenti.

5. Id-dritt ta' impjegati għal-*leave* tal-ġenituri għandu jibda mid-data meta l-impjegat jagħti lill-prinċipal:– Ġenituri adottivi.

(a) evidenza li huma bdew il-proċeduri legali meħtieġa biex l-adozzjoni titwettaq skond il-liġi, u

(b) ċertifikat mid-Dipartiment għall-Harsien tal-Familja li jiċċertifika li tlesta pożittivament *home study report*; jew

(ċ) evidenza ċertifikata li huma għandhom il-kustodja legali tat-tifel jew tifla.

6. (1) Impjegat li japplika għal *leave* tal-ġenituri minghand il-prinċipal għandu jkun marbut jagħti avviż bil-miktub ta' minimu ta' ġimgħatejn li fih jispeċifika l-bidu u t-tmiem tal-*leave* tal-ġenituri, qabel jieħu tali *leave* għal perjodu li hu iqsar minn xahar. Avviż.

(2) Impjegat li japplika għal *leave* tal-ġenituri minghand il-prinċipal għandu jkun marbut jagħti avviż bil-miktub ta' minimu ta' tliet ġimgħat, li fih jispeċifika l-bidu u t-tmiem tal-*leave* tal-ġenituri, qabel jieħu tali *leave* għal perjodu li hu itwal minn xahar.

7. (1) Prinċipal li jirċievi avviż għal *leave* tal-ġenituri kif preskritt fl-artiklu preċedenti jista' jipposponi l-għoti tal-*leave* tal-ġenituri għal raġunijiet ġustifikabbli relatati ma' l-operat tal-post tax-xogħol. Posponiment.

(2) Għall-finijiet ta' dan ir-regolament, it-terminu 'raġunijiet ġustifikabbli' jinkludi:

(a) meta x-xogħol li jsir fil-post tan-negozju hu ta' xorta staġjonali;

(b) meta ma jistax jinstab sostitut fil-perjodu ta' avviż mogħti mill-impjegat;

(ċ) meta l-impieg speċifiku ta' l-impjegat li jitlob *leave* tal-ġenituri hu ta' importanza strateġika għall-azjenda jew post tan-negozju;

(d) meta l-post tan-negozju ikun intrapriża żgħira li tħaddem mhux aktar minn għaxra min-nies;

(e) meta proporzjon sinifikanti ta' l-impjegati fl-azjenda japplikaw għall-*leave* tal-ġenituri fl-istess żmien.

Dritt li jirritorna fl-istess impieg.

8. L-impjegat li jeżerċita d-dritt li juża l-*leave* tal-ġenituri għandu jkollu d-dritt jirritorna għall-istess impieg li l-impjegat kellu qabel l-għoti tal-*leave* tal-ġenituri, jew, meta dan ma jkunx aktar possibbli għal xi raġuni valida, għal impieg ekwivalenti jew simili konsistenti mal-kuntratt ta' impieg oriġinali ta' l-impjegat.

Dritt ta' impjegati tul il-*leave* tal-ġenituri.

9. L-impjegat li jkun fuq *leave* tal-ġenituri għandu, fi tmiem il-*leave* tal-ġenituri, jibqa' intitolat għad-drittijiet u benefiċċji kollha li jista' jkollhom impjegati oħra ta' l-istess klassi jew kategorija ta' impieg fl-istess post tax-xogħol:

Iżda tul il-perjodu tal-*leave* tal-ġenituri, l-impjegat jibqagħlu d-dritt li japplika għal opportunitajiet ta' promozzjoni li jinqalgħu fuq il-post tax-xogħol.

Tkeċċija inġusta.

10. M'hux permess lill-prinċipal li jkeċċi impjegat biss minħabba li impjegat jieħu jew japplika biex jieħu *leave* tal-ġenituri skond dawn ir-regolamenti u kull tkeċċija tali m'għandhiex tikkostitwixxi raġuni valida għat-terminazzjoni ta' impieg, bla preġudizzju għat-terminazzjoni ġustifikabbli ta' impieg kif preskritta fl-Att.

Dritt ta' impjegat li jitlob dikjarazzjoni tal-*leave* tal-ġenituri mehud.

11. Kull prinċipal għandu jkun marbut li jżomm rekord tal-*leave* tal-ġenituri mogħti lil kull impjegat u għandu, fuq talba ta' l-impjegat li tista' ssir anki wara t-terminazzjoni ta' l-impieg, jgħaddi lill-impjegat dikjarazzjoni bil-miktub tal-*leave* mogħti lill-impjegat.

MIXXELANJA

12. Jekk tinqala' tilwima bejn prinċipal u impjegat dwar id-drittijiet koperti minn dawn ir-regolamenti jew xi materja relatata, allura jew il-prinċipal jew l-impjegat jista' jirreferi l-materja lid-Direttur ta' l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali li għandu jagħmilha ta' medjatur bejn il-partijiet. Tilwim.

13. Kull persuna li tikser id-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti tkun ħatja ta' reat u teħel, meta tinsab ħatja, ħulta ta' mhux anqas minn ħamsin lira u mhux aktar minn ħames mitt lira. Reati.